



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14542/22

LIMITE

CORLX 1051
CFSP/PESC 1519
CODUN 58
COARM 229
CONUN 266

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	4 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett dwar "Iż-Żieda tal-potenzjal tal-Innovazzjoni: Teknoloġiji Abilitanti u Sigurtà Internazzjonali"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument HR(2022) 268.

Mehmuż: HR(2022) 268

HR(2022) 268
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni
għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
lill-Kunsill**

tal-04/11/2022

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett dwar
"Iż-Żieda tal-potenzjal tal-Innovazzjoni: Teknoloġiji Abilitanti u Sigurtà
Internazzjonali"**

HR(2022) 268
Limited

HR(2022) 268

Limited

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' jj/xx/2022

b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett dwar "Iż-Żieda tal-potenzjal tal-Innovazzjoni: Teknoloġiji Abilitanti u Sigurtà Internazzjonali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 (l-"Strateġija Globali tal-UE")¹ tenfasizza li l-Unjoni ser iżżid il-kontributi tagħha għas-sigurtà kollettiva.
- (2) L-Istrateġija tal-UE tal-2018 kontra l-armi tan-nar, l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti (SALW) u l-Munizzjon tagħhom, "Aktar sigurtà fuq l-armi biex niproteġu liċ-ċittadini"² innotat li l-UE ser tuża l-istrumenti rilevanti biex tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-teknoloġija affidabbli u kosteffikaċi biex is-SALW u l-munizzjon tagħhom jinżammu taħt sigurtà u jittaffa r-riskju ta' devjazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu li jakkumpanjaw l-adozzjoni tiegħu tal-Istrateġija, innota l-kuntest tas-sigurtà li evolva, inkluż it-theddid tat-terroriżmu fl-UE u l-iżviluppi fid-disinn u t-teknoloġija tas-SALW li jaffettwaw il-kapaċità tal-gvernijiet li jindirizzaw it-theddid.
- (3) L-istrateġija Ewropea għall-IA³ tinnota li l-prinċipju ta' gwida tal-appoġġ kollu għar-riċerka relatata mal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ser ikun l-iżvilupp ta' "IA responsabbli". Jinnota wkoll li, peress li l-IA hija faċilment kummerċjabbli b'mod transfruntiera, soluzzjonijiet globali biss ser ikunu sostenibbli f'dan il-qasam, u li l-Unjoni ser thegġegħ l-użu tal-IA, u tat-teknoloġiji b'mod ġenerali, biex jiġu solvuti sfidi globali, tiġi appoġġata l-implimentazzjoni

¹Unjoni Ewropea, [Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: A Stronger Europe – A Global Strategy for the European Union's Foreign and Security Policy](#) (mhux disponibbli bil-Malti), Brussell, Ġunju 2016.

²Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adozzjoni ta' Strateġija tal-UE Kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon tagħhom, Brussell, 19 ta' Novembru 2018, [13581](#).

³Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa, Brussell 25 ta' April 2018, [COM/2018/237](#)

HR(2022) 268

Limited

tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (4) Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti nnota fir-rapport tal-2021 "L-iżviluppi attwali fix-xjenza u t-teknoloġija u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà internazzjonali u l-isforzi ta' diżarm"⁴ it-tassib dejjem jikber li l-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija ta' rilevanza għas-sigurtà u d-diżarm qed jissuperaw l-oqfsa normattivi u ta' governanza biex jinfteħmu u jiġu ġestiti r-riskji.
- (5) L-Unjoni tixtieq tikkontribwixxi għas-sigurtà kollettiva u l-potenzjal li tibbenefika mill-opportunitajiet ippreżentati minn teknoloġiji ġodda, kif ukoll tindirizza l-isfidi tagħhom, b'mod partikolari għas-sistema multilaterali ta' diżarm u kontroll tal-armi.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u b'kont meħud tal-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti (SALW) u l-Munizzjon tagħhom kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar l-IA, l-attivitajiet tal-proġett li għandhom jiġu appoġġati mill-Unjoni għandu jkollhom l-oġettivi speċifiċi li ġejjin:

1.1 Tappoġġa l-ħidma li l-UNIDIR twettaq fi ħdan il- "Programm ta' Sigurtà u Teknoloġija (SECTEC) tagħha bil-ħsieb li jissaħħu l-għarfien u l-fehim ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti b'rilevanza għas-sigurtà internazzjonali.

1.2 B'mod partikolari, l-attivitajiet taħt il-proġett ser:

- a) Isegwu, jidentifikaw u jifhmu teknoloġiji ġodda u emerġenti, kif ukoll applikazzjonijiet ġodda ta' daww aktar stabbiliti, sabiex jipprovdu lil daww li jfasslu l-politika u lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet b'għarfien aċċessibbli dwar l-oqsma tat-teknoloġija taħt eżami, mibnija fuq evidenza teknikament u xjentifikament soda.
- b) Ifittxu li jipprovdu fehim aħjar ta' kif jistgħu jintużaw teknoloġiji abilitanti ġodda, u x'effett jistgħu jiksbu, f'kuntesti ta' sigurtà. Il-ħidma mwettqa taħt dan il-pilastru ser tiffoka wkoll fuq il-konverġenza dejjem akbar ta' teknoloġiji differenti u l-applikazzjonijiet transsettorjali tagħhom. B'mod partikolari, inkluż kif l-avvanzi fit-teknoloġiji abilitanti ser isawru l-futur tal-konflitt u tal-kamp tal-battalja.

⁴ Nazzjonijiet Uniti, Rapport tas-Segretarju Ġenerali, 19 ta' Lulju 2021, [A/76/182](#)

- c) Jesploraw jekk teknoloġiji abilitanti ġodda joħolqux sfidi ġodda ta' governanza u, jekk iva, kif is-sett ta' għodod tradizzjonali għall-kontroll tal-armi jista' jiġi mmodernizzat biex jindirizzahom. Barra minn hekk, il-proġett ser jesplora wkoll il-komplementarjetà ta' miżuri tradizzjonali ta' kontroll tal-armi ma' miżuri usa' ta' governanza teknoloġika li jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-istess għanijiet ta' sigurtà, stabbiltà, sikurezza, tnaqqis tar-riskju, u nonproliferazzjoni

Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett msemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR).
3. L-UNIDIR għandu jwettaq il-kompitu tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak l-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNIDIR.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni li jissewma fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' [EUR XXX].
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regola applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tal-ammont ta' nefqa ffinanzjata msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim ta' kontribuzzjoni mal-UNIDIR. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jistipula li l-UNIDIR għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għad-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti konġunti regolari kull tliet xhur mill-UNIDIR. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

HR(2022) 268

Limited

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President